TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 389/11 (JE).

John Bonello

vs

Caprice Glassworks Ltd.

Illum, 7 ta' Ottubru 2013.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' John Bonello tas-7 ta' Settembru 2011 fejn talab is-somma ta' ħames mitt euro (€ 500) għab-bażi tar-rapport tal-A.I.C. Mark Borg illi llikwida d-danni illi l-attur soffra wara illi l-aquarium tal-ħġieġ laminat ta' 10 mm ċeda u ħareġ l-ilma minnu.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta fejn qalet illi l-aquarium kien jagħmel parti mir-refurbishment tal-kamra kollha u min ħa ħsieb ix-xogħolijiet, kellu jantiċipa tixrid ta' ilma minħabba tibdil frekwenti tal-ilma fl-aquarium u jiżgura illi l-*plugs* tad-dawl, iż-żebgħa tal-ħajt u l-parquet ikunu *waterproofed*. Is-soċjetà konvenuta allegat ukoll illi l-konvenut diġa ħa lura l-prezz tal-aquarium u l-perit illi rrediġa r-rapport ma marx fuq il-post għax semma ħġieġ illi ma ntużax. Il-parquet setgħet ukoll ġratlu ħsara waqt it-tibdil tal-ilma.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-aquarium in kwistjoni ma kienx tal-kwalita' pattwita, tant illi s-soċjetà konvenuta aċċettat illi tirrifondi l-ammont imħallas għall-istess aquarium. Illi l-anqas ma jidher illi hemm kwistjoni illi s-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għall-ħsarat illi l-attur soffra bħala riżultat tal-fatt illi l-aquarium in kwistjoni ċeda u l-ilma spiċċa ħareġ minnu. Il-fatt illi dak li ġara seta' kien minħabba l-użu ta' siġillant inadekwat kif allegat is-soċjetà konvenuta ma jesimiha bl-ebda mod mir-responsabilita' tagħha, aktar u aktar meta min għamel tali siġillant ma ġiex kjamat in kawża.

Illi dak li m'huwiex ċar f'għajnejn it-Tribunal huwa l-quantum tad-danni sofferti mill-attur. Huwa minnu illi l-attur ipproduċa stima ta' perit fl-ammont ta' € 500 imma dina l-istima ma' ġietx maħlufa bil-ġurament u l-perit in kwistjoni ma ġiex assoġġettat għall-kontro-eżami. Huwa minnu

illi dana t-Tribunal ma għandhux ikun riġidu fil-proċedura illi jadotta imma l-anqas ma jista' jinjora prinċipji bażiċi tal-ġjurisprudenza u tad-dritt naturali.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' in parti t-talba tal-attur u jillikwida arbitrio boni viri d-danni sofferti mill-attur bl-inċident de quo fis-somma ta' tlett mitt euro (€ 300).

Stante iċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.